

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-8 ta' Novembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof — L-Awstrija) — Stadtgemeinde Frohnleiten, Gemeindebetriebe Frohnleiten GmbH vs Bundesminister für Land- und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft**

(Kawża C-221/06) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju preliminari — Taxxa fuq id-depożitu ta' skart f'miżbla għal perijodu fit-tul — Taxxa dovuta mill-operatur tal-miżbla u kkalkolata skond il-piż ta' l-iskart iddepożitat u l-istat tal-miżbla — Eżenzjoni mit-taxxa għad-depożitu ta' skart li ġej minn siti kontaminati fl-Awstrija — Nuqqas ta' eżenzjoni mit-taxxa għad-depożitu ta' skart li ġej minn siti kontaminati fi Stati Membri oħra — Artikolu 90 KE — Taxxi interni — Diskriminazzjoni)*

(2007/C 315/25)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Stadtgemeinde Frohnleiten, Gemeindebetriebe Frohnleiten GmbH

*Konvenut:* Bundesminister für Land- und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft

Parti intervenjenti: Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Verwaltungsgerichtshof — Interpretazzjoni ta' l-Artikoli 10, 12, 23, 25, 49 u 90 tat-Trattat KE — Eżenzjoni minn taxxa imposta fuq id-depożitu fuq l-art ta' skart favur skart li ġej minn attivitajiet ta' riabilitazzjoni ta' art ikkontaminata minn skart qadim (Atlasten), bil-kundizzjoni li dawn l-artijiet ikunu rreġistrati f'reġistru pubbliku — Esklużjoni ta' skart li ġej minn art ikkontaminata minn skart qadim li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

### Dispożittiv

L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 90 KE jipprekludi dispożizzjoni fiskali nazzjonali bħall-Artikolu 3(2)(1) tal-Liġi dwar ir-riabilitazzjoni ta' siti perikolużi li m'għadhomx jintużaw (Altlastensanierungsgesetz), tas-7 ta' Ġunju 1989 li ttipprovdi eżenzjoni mit-taxxa imposta fuq id-depożitu ta' skart għal perijodu fit-tul fil-miżbljet nazzjonali favur skart li ġej minn attivitajiet ta' riabilitazzjoni jew ta' protezzjoni ta' siti perikolużi li m'għadhomx jintużaw jew siti suspettati li huma kkontaminati li jinsabu fit-territorju nazzjonali biss, iżda teskludi l-eżenzjoni fir-rigward ta' depożitu ta' skart li ġej minn attivitajiet ta' riabilitazzjoni jew ta' protezzjoni ta' siti li jinsabu fi Stati Membri oħra.

<sup>(1)</sup> ĠU C 178, 29.7.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Ottubru 2007 — Develey Holding GmbH & Co. Beteiligungs KG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-238/06 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Trade mark Komunitarja — Trade mark tridimensjonali — Forma ta' flixxun tal-plastik — Ċaħda ta' reġistrazzjoni — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Trade mark nazzjonali preċedenti — Konvenzjoni ta' Pariġi — Ftehim TRIPS (TRIPs) — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94)*

(2007/C 315/26)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Develey Holding GmbH & Co. Beteiligungs KG (rappreżentant: R. u H. Kunz-Hallstein, Rechtsanwälte)

*Parti oħra fil-kawża:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: C. Schneider, aġent)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Marzu 2006, Develey Holding GmbH & Co Beteiligungs KG vs L-UASI (T-129/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni li tiċħad ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tridimensjonali għal prodotti fil-klassijiet 29, 30 u 32 fil-forma ta' flixxun tal-plastik — Karattru distintiv tat-trade mark

### Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Develey Holding GmbH & Co. Beteiligungs KG hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 212 ta' 2.9.2006.